MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru. 100/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUIS CALLEJA**

**VS**

**ANTHONY RIZZO**
**(ID Nru. 368243M)**

Illum, 5 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Rizzo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 368243M.

**Akkuzat talli:**

1. Fil-Hamrun, ezattament gewwa 'Cherish', Triq Willie Attard, Hamun, fl-erbgha (4) ta` Jannar, 2008, bejn il-hdax ta` filghodu (11:00hrs) u s-siegha ta` wara nofs in-nhar (13:00hrs), ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` bintu Joeann Rizzo;

2. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-bintu Joeann Rizzo kontra l-volonta` taghha, u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Joeann Rizzo taghmel xi haga kontra l-volonta` taghha;

4. F'Jannar 2008, hedded bil-fomm lill-bintu Joeann Rizzo b'xi delitt u cioe` b'omicidju;

5. Aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minn issa tapplika l-provedimenti tal-ligi ai terminu tal-artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta` membru domestiku.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li fliet l-evidenza medika kollha prodotta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 198, 86, 87, 251, 249, 49, 500 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi, in sostenn ta` dawn l-akkuzi, il-Prosekuzzjoni tellghat dawn is-sussegwenti xhieda:

Spettur Louis Calleja – Dina xehedet kif giet tkellimha certa Joeann Rizzo fejn irrakkuntatila dak illi kienet ghaddiet minnu minn that idejn missierha stess. Hija giet ippenetrata u stuprata kontra l-volonta` taghha. Skont Joeann dan gara fl-4 ta` Jannar 2008 fir-residenza ta` missierha gewwa l-Hamrun. Joeann kellha 37 sena meta gara dan il-kaz.

Illi, malli, allegatament gara dan, minnu fih Joeann marret titkellem ma certu Suor Miriam Grech u huha Father Lino li t-tnejn gew mitkellma mill-Pulizija.
Wara dan, hija kompliet sejra x-xoghol fejn tkellmet dwar dak li kien allegatament gara ma` xi kollegi u hbieb ohra taghha, fosthom Mary Busuttil u Lucy Ciappara.

Hija marret ghand tabib Dr. David Cefai taz-Zejtun biss tmien (8) t'ijiem wara l-incident u dan mhux biex tirrapporta dak li kien gara izda ghaliex hija bdiet tara xi demm minn wara u ghalhekk hija kienet inkwetata. Imbghad, ftit tal-hin wara, hija tkellmet ma` Dr. David Cassar li, fiz-zminijiet ta` qabel hija kienet tikkonsulta regolarment u tiehu l-kura minn ghandu.

Hija, finalment, marret tkellem lill-Pulizija u cioe` lix-xhud biss fl-ewwel (1) ta` Frar, 2008. Dina kellmet lill-imputat fejn, ittiehdulu diversi stqarrijiet li huma esebiti f'dan il-process fejn huwa, kategorikament, innega li kellu x'jaqsam sesswalment mat-tifla tieghu. Fi tfittxija li saret fid-dar tieghu nstabu zewg (2) *vibrators*.

Saret ukoll il-prova ta` recidiva.

Joeann Rizzo – Ili Joeann tikkonferma, fid-dettall, dak li kienet qalet lill-ispettur Calleja punt b'punt. Hija tirrakkonta wkoll il-hajja difficli li hija ghaddiet minnha bhala zaghzugha fejn hija kienet imrobbija u tghix man-nanna taghha stante li ommha kienet *alcoholic* u missierha li kien isawwat lill-ommha. Illi ommha kienet tghix ma` mara ohra u li dina l-mara kienet hadet vantagg minnha meta kienet ghadha zghira. Hija wkoll giet abbuzata minn persuna ohra. Anke l-ex-ragel taghha kien ibati minn Obsessive Compulsive Disorder (OCD) u ghalhekk iz-zwieg taghhom kellu jigi annullat. Hija sahansitra pruvat tikkommetti suwicidju darbtejn u sahansitra ghamlet xi zmien Monte Carmeli. Hija ghandha

storja twila ta` medikazzjoni daqsxejn qawwija sabiex tigi trattata l-kundizzjoni mentali taghha. *All in all*, il-hajja ta` Joeann hija wahda tal-wahx fejn din instabet fin-nofs ta` ommha u missierha u sensiela ta` avvenimenti li, kieku ma hargux dana l-forum ma jitwemmnux inkluzi sparatura b'*revolver* ta` ommha fejn laqtet lin-nanna. Hija tixhed ukoll illi wara l-incident allegat, missierha kien bghatielha xi *smses* izda li hija kienet hassrithom u li, llum, dawn m'ghadhomx ghandha.

Illi hija ssemmi incident li gara lilha fil-pracett meta missierha ta xi daqqiet fuq idejha biex tghollieha u tixhed illi minn dak in-nhar l'hawn u sebgha u ghoxrin (27) sena wara, meta gara l-allegat incident, hija ma kelliex incident iehor ma` missierha. Izda, ma` ommha, hija kellha diversi u numeruzi incidenti u hi tghid li tibza minnha.

Illi x-xhieda ta` Joeann hija wahda twila, kontradittorja u konflingenti u jidher car anzi carissimu l-influwenza zejda u koroh illi ghandha fuqha ommha. Sahansitra li tghid li Joeann, fil-kurituri tal-Qorti dak li ghandha tghid quddiem il-Magistrat. Din hija l-fehma tal-Qorti.

<u>Dr. David Cassar</u> – Jixhed li Joeann ghandha storja psikjatrika ghal diverrsi snin twal. Huwa jikkonferma li Joeann qaltlu li hija kienet giet stuprata minn missierha.

<u>Dr. David Cefai</u> – Anke t-tabib jikkonferma li Joeann qaltlu li hija kienet giet stuprata minn missierha izda din il-visita saret xi granet wara l-allegat incident. Hija kienet ecitata u mbezza`.

<u>Suor Miriam Fenech</u> – Tikkonferma l-verzjoni ta` Joeann izda dan ghaliex qaltilha l-istess Joeann. Hija tiftakar li giet murija xi *smses* mill-imputat lil Joeann li kien ta` theddid izda ma tiftakarx il-kontenut ezatt taghhom. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-ittra korrettiva ghax-xhieda ta` Suor Miriam mibghuta mill-istess Suor Miriam. Din regghet xehdet sabiex tispjega xi diskrepanzi bejn ix-xhieda taghha precedent u dik ta` Joeann Rizzo.

<u>Father Lino Grech</u> – Ukoll jikkonferma li Joeann qaltlu li kienet giet stuprata minn missierha u li kienet ecitata meta kienet qed tghidlu b'dan. Importanti l-*e-mail* li rcieva l-Father minghand Joeann, "Itlob ghalija ghax ghaddejja minn trawma, qiedgha nibza` hafna u dwejjaq kbar".

<u>Edgar Bonnici Cachia</u> – Jikkonferma lli Joeann qaltlu l-episodju u jsemmi zewg *smses* allegatament mibghuta mill-imputat lit-tifla tieghu, wiehed rah u l-iehor li qaltlu Joeann fuq it-*telephone*. Dawn l-*smses* kienu jghidu

li “ma nistax norqod. Ejja ha niehdok tiekol”. Dan ix-xhud kien pront illi jinterpreta dawn l-*smses* bhala dispjacir tal-imputat fuq dak li sar u huwa konvint illi dawn l-*smses* bghathom l-imputat.

Ovvjament, din ix-xhieda kif ukoll dawk precedenti ta` Suor Miriam Grech u Father Lino Grech huma *detto del detto* stante li dawn qiedghin biss jirrepetu dak li qaltilhom Joeann, u ghalhekk jistghu jigu mehuda in-konsiderazzjoni sabiex, forsi, in sostenn tal-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u sabiex, forsi, issahhah il-verzjoni ta` Joeann.

<u>Mary Busuttil</u> – Terga` tikkonferma li Joeann qaltilha li dak il-filghodu stess hija kienet giet irrejpjata minn missierha. Xotta, xotta! Wara x-xoghol, nonostante li din ix-xhud u/jew kollega/hbieb ohra prezenti hajrita torqod Dar Pirotta fejn huma jahdmu, ghax kienet qed tibza u ecitata. Joeann ghazlet tmur id-dar wahedha torqod.

<u>Rosette Said</u> – Din ix-xhud hija Psychology Officer tas-servizz tas-Support Line 179 li taghti xhieda interessanti.

Illi hija irceviet telefonata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Jannar, 2008, minghand Joeann Rizzo fejn il-*caller* kienet agitata hafna u spjegat illi ghaddiet minn hajja ta` abbuz u fejn, anke recenti, kellha incidenti fejn il-genituri taghha wkoll ghaddewa minn abbuz. Abbuz verbali minghand ommha, u uzat il-kelma *I was raped* ghall-missierha.

<u>PS 656 Adrian Lia</u> – Li kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat kif ukoll fil-konfront li sar bejn l-imputat u bintu fejn hu cahad kull ma allegat il-parte civile u kkonferma li waqt il-hin tal-allegat incident, huwa kien sempliciment qalla “Ghandi bocca fuq sidri, ejja ha nurihielek” u “ghalfejn qed taghmilli hekk, ghid?” waqt li t-tifla rrispondietu, “Inrid ninsik minn hajti”.

Semgha wkoll lill-imputat jghid wara din l-*exchange* “Qed tismghaha Spettur, qed tghid li trid tpattihieli!”

<u>WPC 25 Charlene Camilleri</u> – Hadet ir-rapport ta` Joeann u segwieta fil-viziti taghha mat-tobba u Sptar Monte Carmeli.

<u>Dr. John Muscat (Appuntat mill-Qorti)</u> – Dan ix-xhud huwa konsulent psikjatra u clinical sexologist li jaghmel *diagnosis* ta` *erectile disfunction* kompluta tal-imputat, “b’certezza morali li huwa impossibli li jkollu *erection* bizzejjed biex ikollu jista` jaghmel *penetration*. Jigifieri *penetration* fis-sens ta` *sexual intercourse* huwa impossibli”.

Dan gie minnu determinati b'testijiet moderni u inekwivoci. Dana l-*erectile disfunction* huwa konsegwenza ta` zokkor gholi li minnu l-imputat ilu jbati diversi snin twal.

Dan it-tabib l-ewwel ma ra l-imputat kien f'Awissu 2008 u cioe` seba` jew tmien xhur wara l-allegat incident. Dan l-ezami sar fis-sitta (6) ta` Marzu 2009.

Mistoqsi jekk l-imputat kellux dina l-istess kundizzjoni f'Jannar 2008 meta sar l-allegat incident u jekk huwiex possibli li, f'dak iz-zmien, ma kienx ibati minn dina l-kundizzjoni, ix-xhud jirrispondi hekk, "Kien ikun l-istess haga. Mhux xi haga ta` minn xahar ghall-iehor din". U dan ghaliex id-doza ta` kimika moghtija lill-imputat sabiex isir dan it-test kien il-massimu ta` ghoxrin (20) milligram u mhux ta` wiehed punt hamsa (1.5) kif normalment isir u l-istess ma kienx hemm erezzjoni. Id-*dysfunction* ma kienetx wahda *mild* izda *complete*. Dina l-kundizzjoni m'hix wahda immedjata izda teihu bosta snin biex tizviluppa. Skont ix-xhud u fl-opinjoni tieghu l-imputat kien qieghed ibati minn dina l-kundizzjoni ghal izjed minn hames (5) snin precedent ghal meta saru t-testijiet u cioe`, qed nitkellmu u nirrisalu ghal Marzu 2008. Huwa jeskludi ghal kollox il-possibilita` ta` penetrazzjoni.

<u>Dr. Stephen Mattocks</u> – Dan kien prezenti meta sar it-test fuq l-imputat mix-xhud precedenti izda ma jiftakarx jekk kienx hem erezzjoni jew le. Huwa m'ghandux notamenti.

<u>Dr. Joseph Tonna (Tabib tal-Habs)</u> – Dan ezamina lill-imputat meta dahal il-Habs fit-tlieta (3) ta` Frar 2008 u sablu z-zokkor gholi hafna u gie riferut l-isptar fid-disgha (9) ta` Frar. Minn hemm ha *over* il-Professur Joseph Azzopardi.

<u>Profs. Joseph Azzopardi</u> – Ix-xhud jikkonferma d-*diagnosis* ta` *diabete* gholja li kien ghamel Dr. Tonna l-Habs u biddillu, ftit, it-trattament. L-imputat ukoll, fuq mistoqsija tal-istess Profs, Azzopardi, infurmah illi huwa kien impotenti u stante li:

1. L-imputat kien isofri minn dijabete;
2. L-eta` tieghu;
3. Kien ipejjep;
4. Kien *overweight*

il-Professur huwa tal-fehma li dawn is-sintomi jistghu jwasslu ghall-kundizzjoni ta` impotenza.

Illi, meta din hija x-xhieda li tellghet miz-zewg partijiet quddiem dina l-Qorti, il-Qorti tikkummenta li l–parti l-kbira ta` dina x'xhieda, specjalment dik ta` Joeann Rizzo, instemghet minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta izda madankollu dina l-Qorti temmen illi qiedgha f'pozizzjoni li tasal ghall-verdett finali fuq il-provi li hemm *sia* dawk traskritti u *sia* dawk li hija semghet direttament. Pero, dina l-Qorti m'ghandiex esitazzjoni tghid li xtaqet tisma` l-*parte civile* u tevalwa l-komportament taghha fil-Qorti.

Inghad dan, dina l-Qorti ma tistax tibqa` ghamja ghall-evidenza medika li gietipprezentata. Jidher car u lampanti u ma jista` jezisti l-ebda dubju ragonevoli li fid-data tal-allegat incident u cioe` fl-erbgha (4) ta` Jannar 2008, l-imputat ibati minn problema ta` *erectile dysfunction* u li kien ilu jbati b'dina l-problema ghal diversi snin. Kif attestat, principalment minn Dr. John Mifsud, kif sekondat minn Dr. Joseph Tonna u l-Professur Joseph Azzopardi, u li kien ilu jbati biha ghal diversi snin precedentement.

Illi dina l-*erectile dysfunction* tirrendi impossibli l-penetrazzjoni sabiex jirrendi ikkonsumat l-att sesswali li huwa element necessarju u intrinsiku sbiexx jigi ppruvat ir-reat ta` stupru. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tacetta s-suggeriment tal-Prosekuzzjoni li l-imputat dejjem seta` jmiss il-parti privata tieghu ma dik ta` bintu, din mhix penetrazzjoni fis-sens li trid il-ligi u dina l-verzjoni mhix kompatibbli mal-verzjoni li tghati l-*parte civile* stess li missierha ivvjolenta b'sahha kbira minn quddiem u minn wara.

Illi wkoll, il-passat ta` Joeann Rizzo huwa wiehed hafna movimentat fejn, ta` tifla dina sabet ruhha bejn ommha u missierha u giet uzata minnhom bhala arma fil-glied etern, qawwi u vjolenti ta` bejniethom. Din il-povra tifla sabet ruhha abbandunata u anke, fir-rari okkazzjonijiet li kienet tmur tara genitur jew iehor hija dejjem sfat abbuzata u maltrattata, specjalment minn ommha li, f'dana l-process, ma tantx harget ta` persuna bil-ghaqal:

1. *Alcoholic*;
2. Vjolenti – sparat lin-nanna;
3. Halliet *partner* taghha tabbuza mit-tifla.

Illi, wkoll, il-Qorti hija impressjonata mill-passat psikjatriku ta` Joeann. Ippruvat tikkommetti suwicidju darbtejn, qiedgha taht kura psikjatrika, kienet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli u thoss il-bzonn li tuza s-servizz tal-179. Dawn huma kollha sintomi ta` instabilita` mentali u, ghalhekk,

f'kazijiet bhal dawn, il-versjonijiet moghtija ghandhom jigu trattati b'kawzjoni enormi.

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma li dina hija kollha *messa in scena* tal-*parte civile*, prevalentement fuq instigazzjoni tal-omm li giet mismugha mill-Avukat Difensur taghmel is-suggerimenti taghha lit-tifla ta` dak li ghandha u x'mghandix tghid gewwa dina l-Qorti.

Il-Qorti qiedgha tordna li jittiehdu passi kriminali kontra Joeann Rizzo ghall-gurament falz u tordna wkoll li tigi inizzjata investigazzjoni kontra omm Joeann Rizzo ghall-parti li din setghet kellha f'dana r-rapport falz.
Minhabba dawn ir-ragunijet, dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha lilu ddebitati u tesonorah minn kull responsabilita` kriminali.

Il-Qorti tissuggerixxi li l-Prosekuzzjoni u l-Avukati tad-difiza jaghtu harsa lejn l-ittra miktuba mill-imputat meta huwa kien gie pprezentat fil-Qorti u li giet ipprezentata min PS 656 Adrian Lia. Verament kommoventi!

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------